# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET SENA　　STUDJI SOĊJALI (OPTION)　　ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________　　**Klassi:** ______________

**Taqsima A**
**Aqra din is-silta u wieġeb**

Il-ġustizzja hi essenzjali għall-iżvilupp ta' l-individwu, il-komunita' u s-soċjeta'. L-inġustizzja toħloq il-konflitti bejn grupp soċjali u ieħor. Il-konflitti faċli jwasslu għall-vjolenza.

Li nitgħallmu dwar il-ġustizzja soċjali jfisser ferm aktar milli nafu dwar liġijiet, dikjarazzjonijiet u konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Ifisser l-aktar kif inwettqu l-ġustizzja fl-ambjent immedjat tagħna, fil-familja, fl-iskola u fil-komunita'. Il-ġustizzja trid li, minflok ma toqgħod tara ta' min hi l-ħtija, timpenja ruħek billi taħdem favur id-drittijiet tiegħek u ta' l-oħrajn u billi tara x'responsabbiltajiet għandek lejn bnedmin oħra fis-soċjeta'.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**

1 Spjega fi kliemek "il-ġustizzja hi essenzjali għall-iżvilupp tal-bniedem". 2 marki

2 X'inhuma gruppi soċjali? Agħti eżempju. 3 marki

3 Semmi eżempji ta' inġustizzji li ħolqu konflitti bejn gruppi soċjali u ikkummenta dwarhom. 4 marki

4 Spjega x'inhi d-differenza bejn Konvenzjoni u Dikjarazzjoni, u agħti eżempju ta' kull waħda. 4 marki

5 Kif tista' l-iskola toħloq ambjent ġust? 2 marki

6 Iċ-ċittadini kif jistgħu jimpenjaw ruħhom favur il-ġustizzja? Semmi 2 għaqdiet li jaħdmu favur il-ġustizzja. 5 marki

7 Naraw li hemm qasma fl-istil ta' għixien bejn l-Ewwel Dinja u T-Tielet Dinja. Spjega kif il-pajjiżi ta' l-Ewwel Dinja jistgħu ikunu aktar ġusti mal-pajjiżi tat-Tielet Dinja. 3 marki

8 Semmi żewġ drittijiet bażiċi ta' kull individwu biex ikun jista' jgħix b'mod xieraq. 2 marki

**Total 25 marka**




**Taqsima B**

1. Ikkummenta dwar x'jista' jsir biex jitnaqqas l-iskart. Xi problemi qed joħloq l-iskart hawn Malta? Għaliex sirna poplu li jiġġenera ħafna skart?

10 marki

2. Għaliex il-konsumatur għandu jkun konxju mid-drittijiet u dmirijiet tiegħu? Semmi erba' mid-drittijiet tal-konsumatur. Ikkumenta dwar id-dmirijiet tiegħu ukoll.

10 marki

**Taqsima Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb**

Il-mezzi ta' komunikazzjoni huma qawwija ħafna għax bl-informazzjoni li jagħtu qegħdin iżommu aġġornati lis-soċjeta' dwar l-aħħar żviluppi u jżommu lill-bnedmin qrib xulxin. Dawn il-mezzi ta' komunikazzjonijiet jifformaw l-ideat u l-opinjonijiet tal-qarrejja jew tas-semmiegħa. Dawn il-mezzi għalhekk għandhom implikazzjonijiet soċjali bir-rwol tagħhom fis-soċjeta'.

(Adattat mis-Sillabu ta' L-Istudji Soċjali - Kuntest ta' Tagħlim u Metodoloġija)

**Wieġeb f'mhux anqas minn 30 kelma kull waħda**

1 Liema huma il-mezzi ta' komunikazzjoni li l-aktar jilħqu l-massa tan-nies?
2 X'tifhem bil-frażi 'dawn il-mezzi għandhom implikazzjonijiet soċjali'?
3 Liema huma r-rwoli partikolari li l-mezzi ta' komunikazzjoni qegħdin jaqdu ?
4 X'tifhem meta tisma' l-frażi 'il-pluraliżmu fix-xandir'? X'importanza għandha din il-frażi f'soċjeta' demokratika?
5 Għaliex huwa importanti li nitgħallmu nanalizzaw l-informazzjoni li titwassal lilna mill-mezzi ta' komunikazzjoni?

5x5 marki
**Total 25 marka**

**Taqsima D**
**<u>Agħżel wieħed minn dawn u ikteb fit-tul</u>**

1 "L-identita' kulturali tintilef meta pajjiż isir membru ta' l-Unjoni Ewropeja". Iddiskuti l-aktar b'referenza għal Malta.

2 It-Teknoloġija u d-dinja tax-xogħol.

3 Illum il-ġurnata hija drawwa li kulħadd jagħmel aktar minn xogħol wieħed.
Kif qed taffettwa is-saħħa tal-bniedem? Għaliex huwa importanti li l-bniedem japprezza l-ħin tal-mistrieħ?

30 marka